# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 68/2024: **AEGIS CORPORATE SERVICES LIMITED (C57029) V. PASCAL LUDOVIC JEAN LINA (PASSAPORT FRANĊIŻ NRU. 19FV16386)**

(AMMONT DOVUT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Aegis Corporate Services Limited (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fl-4 ta' April 2024[1] li permezz tiegħu talbet lil Pascal Ludovic Jean Lina (hawn imsejjaħ "l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat mill-Qorti illi:

> **"tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tmien t'elf sitt mija tlieta u tletin Ewro punt tmienja u tmenin ċenteżmu (€8,633.88) rappreżentanti l-bilanċ ta' pagamenti dovuti lis-soċjetà rikorrenti mill-intimat abbażi tal-fatturi numru 2023038 datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u fattura numru 2023334 datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) hawn annessi u rispettivament mmmarkati bħala 'Dok A' u 'Dok B'. Dan l-ammont huwa dovut lis-soċjetà rikorrenti bħala pagamenti għal *corporate services* u *company administration* provditi mis-soċjetà rikorrenti lill-intimat, liema servizzi ġew terminati fis-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023).**
>
> **Salv provvedimenti ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.**

[1] Fol 1-12

**Bl-ispejjeż u imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni."**

wara li rat li bl-Ordni tagħha tal-11 ta' April 2024[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* laqgħet it-talba (magħmula mir-rikorrenti b'rikors ippreżentat kontestwalment mar-rikors promotur[3]) sabiex in-notifika tal-intimat issir ai termini tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 u ordnat lill-intimat sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilu u inoltre appuntat il-kawża għas-smiegħ għall-10 ta' Ġunju 2024,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat skont il-liġi fis-17 ta' Mejju 2024[4] iżda kien biss kważi sena wara ossia' fl-14 ta' April 2025 illi l-Avukat tal-Istat informa lill-Qorti b'dan permezz ta' nota li ġiet ippreżentata fl-atti proċesswali[5]

wara li rat illi l-intimat baqgħu ma' daħħal l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilu u lanqas qatt ma deher jew bagħat lil xi rappreżentant tiegħu biex jidher f'ismu,

wara li semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2025,

wara li rat li fis-seduta tat-19 ta' Mejju 2025 li kienet riservata esklussivament għall-provi tal-intimat, dan baqa' ma deherx u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza wara talba f'dan ir-rigward mill-avukat tar-rikorrenti,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mill-intimat is-somma ta' tmien t'elf sitt mija tlieta u tletin Ewro punt tmienja u tmenin ċenteżmu (€8,633.88) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi (konsistenti f'*corporate services* u *company administration*) reżi lill-intimat, liema servizzi twaqqfu fl-2023.

2. L-intimat ġie notifikat skont il-liġi (ossia' ai termini tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 stante illi jirrisjedi ġewwa Stat Membru oltre minn pajjiżna), baqgħu ma' daħħal l-ebda risposta u ma

[2] Fol 28-29
[3] Fol 14
[4] Fol 39
[5] Fol 37

deher għall-ebda seduta inkluż għall-aħħar seduta li kienet ġie riservata għall-provi kollha tiegħu.

3. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Dr. Malcolm Mifsud**, in rappreżentanza tal-kumpanija rikorrenti, mogħtija fit-12 ta' Mejju 2025 li fost affarijiet oħra spjega illi l-ammont totali mitlub fir-rikors promotur għadu dovut sal-ġurnata tal-lum. Esebixxa ukoll kopja ta' korrispondenza skambjata mal-intimat.[6]

4. Fin-nuqqas ta' dehra tal-intimat u fid-dawl ta' dak li xehed ir-rappreżentat tar-rikorrenti l-Qorti hija sodisfatta li l-ammont totali pretiż ta' **€ 8,633.88**, kif evidenzjat fiż-żewġ fatturi esebiti mar-rikors promotur, huma dovuti mill-istess intimat.

**Deċiżjoni**

5. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqà t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u dan billi tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmien t'elf sitt mija tlieta u tletin Ewro punt tmienja u tmenin ċenteżmu (€8,633.88) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi reżi lill-intimat.**

   **Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kif mitluba kontra l-istess intimat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur

[6] Fol 48-55